# Osservazzjoni f'Xatt il-Baħar

*Marco Galea*

Il-baħar sħun u jinten
jien waħdi fuq ix-xatt
il-baħar mewwet kollox
lilek ma narak qatt

il-baħar qed iċafċaf
mewġa mewġa mal-blat
qed jidfen kull ħoss ieħor
għalija qisu swat

das-sajf jeħtieġ jispiċċa
biex tidħol il-ħarifa
li ntemmu hawn, kif bdejtu
m'hijiex ħaġa ħafifa.

# ~~Jum il-Mistrieħ~~

~~*Tony Sammut*~~

~~Int,~~
~~li f'qalbek iżżomm il-mafkar ta' ħajtek~~
~~u trossu ma' sidrek fiż-żiffa tar-riħ;~~
~~mitlufa tkun ħajtek ġo baħar imqalleb~~
~~li jibqa' jqallibha sa jum il-mistrieħ.~~
~~'Ma f'jum il-mistrieħ titbissimlek~~
~~u tfakkrek fl-uġigħ li batiet.~~
~~Titolbok tittallab għal ruħha,~~
~~għall-kwiet li tant ilha tixtieq.~~
~~Biex issa tinsab ġewwa qabar~~
~~tiċċelebra jum il-mistrieħ!~~